Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 169 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Victor Aquilina

Vs

Stiano Agius

Illum 16 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Stiano Agius detenur tal-karta tal-identita Maltija 418581 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Talli f' dawn il-Gżejjer, fl-4 ta' Ottubru 2009 u fil-jiem ta' qabel:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod ieħor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tieghu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.

292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx għall-uzu esklussiv tiegħu;

2) U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, Magistrat Dr. M. Mallia LL.D. datata 21 ta' Jannar 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

3) U fl-aħħarnett talli b' hekk irrenda ruħu recidiv b' diversi sentenzi moghtija minn qrati diversi ġewwa Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-28 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, b' dan illi fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva (it-tielet imputazzjoni) sabitu ħati biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 u ikkundannatu għall-piena ta' erbatax-il xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9, tista' titħallas mill-ħati b' rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar minn dakinhar, b' dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti m' hijiex qiegħda titratta mal-ħati ghar-raġunijiet fuq imsemmija.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f' dawn il-proceduri, ossia l-ispejjeż konnessi mal-inkarigu espletat mill-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' tliet mija, sebgha u tmenin ewro u tmintax-il ċentezmu (€387.18), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt xhur mil-lum.

Ordnat in oltre ir-rilaxx tas-somma ta' erba' mitt ewro (€400) esebita bhala Dokument VA4 favur il-ħati u ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument VA5 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proċess-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Stiano Agius, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 t' April, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata billi filwaqt li TIKKONFERMAHA fejn ma trattatxx mal-appellant fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u kif ukoll fejn ma kkonfiskatx l-erba' mitt Ewro (€400) li instabu għand l-appellant, THASSARHA U TIRREVOKAHA in kwantu għall-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni, tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom; u fin-nuqqas ta' dan TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-aggravji tal-appellant Stiano Agius jikkoncernaw l-apprezzament zbaljat li ghamlet l-Ewwel Qorti, tal-provi prodotti quddiemha, kif ukoll il-piena erogata fil-konfront tal-appellant.

A. **Apprezzament Zbaljat tal-Provi**

Illi jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante' illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova.

Illi preliminarjament jigi rilevat illi a rigward tal-imputazzjoni tal-pussess aggravat, l-Ewwel Qorti strahet biss fuq l-**ammont** ta' droga eroina li instabet gol-but tal-appellant li kienet biss ftit izjed minn disa' grammi (9g) li fic-cirkostanzi tal-kaz, fejn l-appellant kien taht *house arrest* certament ma hux inkompatibbli ma' uzu esklussiv, aktar u aktar meta *on average* persuna jikkonsma bejn gramma u tnejn kull darba.

Jigi rilevat illi ma tezisti l-ebda regola dwar liema ammont jista jikkostitwixxi pussess li mhux ghal l-uzu esklussiv tal-hati, u huwa propju ghalhekk illi l-ligi stabbiliet il-kirterja tac-*cirkostanzi*. Fi kliem iehor, il-Qorti ma setghet qatt tistrieh fuq l-ammont wahdu, u tieqaf hemm, kif donnu ghamlet l-Ewwel Qorti sabiex waslet ghall-gudizzju taghha u ssib htija, u dan peress illi huwa principju ben stabbilit mill-Qrati taghna, li l-ammont wahdu mhux prova konklussiva sabiex il-Qorti ssib htija ta' pussess aggravat, meta ma jezistu l-ebda cirkostanzi ohra li juri l-intenzjoni ta' spacc.

Illi l-Ligi Maltija, f' dak li ghandu x' jaqsam mal-pussess aggravat, hija mudellata fuq il-Ligi Ingliza u li tirrekjedi bilfors the ' *intent to supply*'. Illi fil-kamp penali l-iskop tal-legislatur fil-ligi Maltija li hija mmudellata fuq il-*Misuse of Drugs Act* tal-Ingilterra kien **ghalhekk li jolqot l-agir ta' persuna li ghandha sustanza illecita u ffurmat l-intenzjoni, jew li tista tifforma l-intenzjoni illi tispacca l-istess**. Hekk taht il-*Misuse of Drugs Act, 1971* fir-Renju Unit, il-kliem uzat huwa ' *possession* ***with intent*** *to supply*'. (Jinghad illi fir-Renju Unit il-posizjoni legali, ukoll hija differenti minn pajjizna specjalment dak illi jikkoncerna cannabis u ecstasy). Ghaldaqstant il-provi u cirkostanzi materjali huma rilevanti **in kwantu jindikaw l-intenzjoni ta' spacc,** u f' dan il-kuntest allura il-Qorti sabiex issib htija ghandha tkun konvinta *beyond reasonable doubt* illi tali persuna mhux biss kellha l-pussess tad-droga **izda wkoll** l-intenzjoni li tispacca jew b' xi mod li jkun tikkonsenja mill-istess droga.

**Illi l-kelma ' pussess' ghadha tiftiehem ghalhekk bhala illi s-sustanza f' xi hin tkun ghand persuna li jkollu l-intenzjoni, u tqis l-istess bhala taghha, filwaqt illi l-pussess aggravat jissustixxi meta sussegwentment tigi ffurmata l-intenzjoni illi dik is-sustanza li l-persuna tkun qed tqies bhala taghha, tigi mghoddija lill terza persuna.** F' dan il-kuntest, l-esponent jaghmel riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Norbert Schembri** moghtija mill-Imhallef Vincent De Gaetano, fejn gie ritenut illi minkejja illi l-Qorti ma setghetx b' mod konklussiv tiddeciedi illi l-

pussess ta' cirka 10 grammi kokaina ma kienx ghall-uzu esklussiv pero meta persuna jkollha certu ammont ta' droga ir-riskju illi l-istess tithajjar tispacca kien kbir u ghalhekk din l-Onorabli Qorti ghamlet distinzjoni fina fejn ammont **jista' f' cirkostanzi suspettuzi kemm huma susspettuzi mhumiex konklussivi ghal spacc,** u minn naha l-ohra ammont akkumpanjat minn cirkostanzi illi ma jhallu ebda dubju dettat ir-raguni tal-intenzjoni ta' spacc. Ghaldaqstant ' cirkostanzi' mhiex ekwivalenti ghal ' suspetti' jew ' cirkostanzi suspettuzi' izda ghal **' indikazzjoni inekwivoka tal-intenzjoni ta' spacc.'** Fl-umli fehma tal-esponent din is-sentenza tefghet dawl fuq dik il-***grey area,*** jew distinzjoni sottili bejn il-pussess fuq naha u l-pussess mhux ghall-uzu esklussiv.

Illi bid-dovut rispett, jirrizulta ghalhekk illi filwaqt illi l-prosekuzjoni rnexxiela tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-pussess, hekk imsejjah semplici tad-droga eroina, pero' naqset illi ggib provi konklussivi illi l-istess pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv, u illi r-ragunijiet kwotati mill-ewwel Qorti ma jikkostitwixux raguni konklussiva ghall-fini ta' l-istess imputazzjoni, u dan stante' li kif diga' gie rilevat, ma ngiebet ebda prova ohra mill-Prosekuzzjoni li tindika ekwivokament li dik id-droga li instabet, fic-cirkostanzi li instabet fihom, kienet ser tigi spaccjatha.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulzija vs John Gerada**[1], fejn il-Qorti irriformat s-sentenza tal-ewwel Qorti, u sabet lil l-appellant hati ta' pussess semplici biss:

> *'L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dak li nstab ma kienx esklussivament ghall-uzu personali ta' l-appellant a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet:* ***"Jidher izda li meta l-Pulizija ghamlet ir-raid taghha sabu ammont sew ta' cannabis, madwar 39 gramma u li seba' mill-qratas kienu kwazi identici fit-toqol taghhom. Ohrajn instabu f' bicciet tal-foil li l-imputat qal li kien juza biex il-cannabis ma tinxifx. Izda limputat qal ukoll li l-bicciet kollha kienu imnaqqrin. Mela ma tantx jidher li kien hemm skop li dawn il-bicciet jibqghu f' bicca foil jekk kienu tnaqqru. Kien hemm hames bicciet fil-foil gol-jewel box u bicctejn ohra fil-foil fil-magg. Fil-kcina nstabu wkoll 'xi bicciet tal-foil maqtughin'. Barra dan il-mizien li nstab kien wiehed elettroniku ' Soehnle' u maghduda f' daqqa jigu wisq kumbinazzjonijiet meta tikkonsidra dawn it-tliet elementi f' daqqa: (a) li wiehed ikollu l-kannabis imqattgha u (b) li l-***

[1] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sebgha (2007

*mara tixtri l-mizien elettroniku lejliet it-tfittxija u (c) li jkun qed isir programm fuq it-televixin dwar il-fidda. Bir-rispett kollu, din il-verzjoni tal-fatti lill-Qorti ma tikkonvincihiex. Ma' dan kollu, il-Qorti qed tikkonsidra wkoll li kien hemm zewg (2) pakketti tal-brim tas-sigarretti tal-marka Rizla u li nstabu ma' ghoxrin bicca tal-kannabis b' seba' bicciet kwazi identici fil-piz. Fil fehma tal-Qorti, l-ispjegazzjonijiet li ta l-imputat mhumiex konvincenti fuq bazi ta' probabilita` u meta wiehed jikkonsidra l-elementi msemmijin f' dan il-paragrafu flimkien hemm bizzejjed indizji ta' pussess ta' kannabis li ma kienx ghall-uzu personali biss ta' l-imputat minkejja li l imputat qal li kien juza bejn 8 u 10 joints kuljum."** Fid-dawl tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamlet huma ineccepibbli. Jigifieri hija hadet in konsiderazzjoni kull ma kellha u setghet tiehu in konsiderazzjoni. Mix-xiehda ta' l-ufficjal tal-probation Victoria Grech li nstemghet quddiem din il-Qorti pero`, jirrizulta illi l-appellant kien "addicted ghall-marijuana" u dan jitfa' dawl differenti fuq dak li xehed l-appellant. [...]F' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti sejra taghtih il-beneficcju tad-dubju u sejra ssibu hati biss ta' pussess semplici. In vista ta' l-ammont involut pero`, jidhrilha illi l-ahjar mod ta' kif l-appellant jista' b' xi mod irodd xi haga lis-socjeta` filwaqt illi titkompla s-sorveljanza tieghu huwa billi jinghata ordni ta' probation u servizz fil-komunita`, u dan wara li l-imsemmija ufficjal tal-probation iddikjarat illi l-appellant huwa eligibbli u l-appellant stess indika li huwa lest joqghod taht tali ordni.'*

Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentament ippruvat ir-reat in disamina il-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista ***safely and satisfactory*** tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta u specifika tal-ispacc. Mhux kull cirkostanza illi tista' twassal xi suspett hija sufficenti. B' mod generali il-ligi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa eccezzjonalment illi l-ligi tikkunsidra reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni akbar f' kazijiet simili, u **sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni tal-ispacc ghandha tirrizulta b' mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta' kongetturi u supposizzjonijiet; liema intenzjoni QATT ma rrizultat fil-kaz odjern tal-esponenti appellant.**

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Duncan Farrugia**,[2] deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta' Mejju, 2008, il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha, rreteniet illi:

> Fil-kaz in dizamina, kif diga intqal aktar il-fuq, si tratta ta' erbatax il-bicca cannabis bil-piz ta' 22.872 grammi li nxtraw ghall-prezz ta' mitt lira (Lm100). Huwa minnu li ddroga li nstabet kienet diga' maqsuma f' bicciet zghar u mgerrba f' bicciet tal-foil izda l-Qorti jidrilha li l-ammont involut m' huwiex daqshekk sostanzjali li jindika li d-droga kienet lesta sabiex tigi spaccjata, zmercjata jew distribwita. Inoltre ma rrizultawx cirkostanzi ohra li setghu b' xi mod jindikaw li tali droga ma kienitx ghall-uzu esklusiv tal-imputat bhal per ezempju il-fatt li ma kienx hemm xhieda li indikaw li akkwistaw id-droga minghand limputat jew inkella is-sejba ta' flus fil-pussess tal-imputat li setghat tindika li huwa kien qed jispaccja id-droga li nstabet fil-pussess tieghu [...] Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li s-sustanza mehuda mill-pjanta tal-cannabis li nstabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu esklussiv tieghu u ghalhekk huwa qed jinstab hati biss ta' pussess semplici u mhux ta' pussess aggravat.

Illi anki f' certi kazijiet meta irrizulta li d-droga misjuba ma kienitx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sitwazzjoni kollha fil-profond u kkonkludiet li filfatt ma kien jammonta ghall-pussess aggravat. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Azzopardi**[3] rriteniet is-segwenti:

> *'Ma jistax jinghad li l-fatt wahdu li kellu l-pussess tal-eroina u li din kienet semplicement intenzjonata ghal huh ma tistax tigi definita bhala traffikar. L-att tal provvista kienet ghada mhux kompjuta. Ghandu jinghad li f' dan il-kaz l-eroina fl-ebda mument ma kienet accessibbli ghal hu l-appellat biex ikun f' pozizzjoni li johodha. Illi meta wiehed janalizza l-fatt li l-pulizija qatt ma kellmu lill-hu l-appellat biex jikkontrollaw jekk verament dik kienet l-intenzjoni ta' l-appellat ihalli dubju jekk dak li qal l-appellat hi verament il-verita' tal-fatt jew il-vertia' kif kien qed jahsibha hu. Illi*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta' Mejju, 2008

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-Imhallef Antonio Mizzi.l

*fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hu car li l-appellat ghandu jinsab hati ta' pussess tad droga eroina minghajr l-aggravanti mitluba.'*

Ghaldaqstant ghalkemm il-gurisprudenza nostrana kemm il-darba tenniet illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, dan ghandu jsir jekk dan l-apprezzament kien wiehed zbaljat, sabiex titwettaq gustizzja. Infatti, fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Antoine Agius[4]</u>** rriteniet:

*' Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kienitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.* ***<u>Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'</u>***

Illi sahansitra, fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Lawrence Fabri[5]</u>** intqal illi Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*

---

[4] Moghtija nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) moghtija mill-Imhallef Antonio Mizzi, il-Qorti tal-Appelli Kriminali

[5] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, datat nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017);

*• Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

*• Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

*• Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

*• Money found on the defendant, was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

*• Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69. 18*

*• Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case."*

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article may be inferred from objective factual circumstances."*

**Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab filpussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x' inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x' ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta.**

**Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita**.

Inoltre, meta l-Qorti kkonkludiet illi l-appellant naqas milli jgib ebda prova in sostenn ta' dak mistqarr minnu, u cioe illi dik id-droga kienet ghalih, huwa wkoll, bid-dovut rispett totalment zbaljat. L-appellant xehed minn jeddu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, dik l-istess Qorti ghazlet illi tikkonkludi li minkejja li l-appellant xehed, hu ma gab l-ebda prova li dik id-droga eroina kienet ghall-uzu personali tieghu. Illi jigi umilment sottomess, illi bid-dovut rispett, l-imputazzjoni tal-pussess aggravat ghandha tigi sodisfacentement ippruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, mill-Prosekuzzjoni, li fil-kaz odjern certament ma sarx. Illi allura, meta persuna tkun akkuzata b' pussess aggravat, jekk ma tingiebx il-prova **<u>KONKRETA U DIRETTA</u>** li filfatt dik id-droga li instabet **<u>ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu</u>**, mela allura, l-persuna lanqas ikun jista' jinstab hati ta' dik l-akkuza; u ghaldaqstant l-Onorabbli Qorti ma tkunx tista' tikkonkludi li dik id-droga kienet ser tigi spaccata.

Illi konsegwentement, la darba ma tingiebx il-prova mill-Prosekuzzjoni, li d-droga li instabet ma kienitx ghall-uzu personali tal-hati, l-oneru tal-prova ma jinkombiex fuq l-akkuzat sabiex min-naha tieghu jipprova l-fatt li dik id-droga kienet ghall-uzu personali tieghu. Dan peress illi fil-ligi penali taghna, l-akkuzat ghandu d-dritt fundametali tas-silenzju, fejn ma ghandu ghalfejn jipprova xejn. Konsegwentement, il-Qorti kienet skoretta meta qalet illi kien l-istess appellant illi kellu jgib il-prova illi dak il-pussess tad-droga kien ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, b' dan ir-ragunament, kull min ikun akkuzat b' pussess aggravat, IRID BILFORS IGIB PROVI LI HUWA JAGHMEL UZU MID-DROGA, U DAN ANKE F' DAWK L-OKKAZZJONIJIET, META IL-PROSEKUZZJONI MA GGIB L-EBDA PROVA LI KIEN HEMM L-INTENZJONI TA' SPACC. Sahansitra, allura, jekk akkuzat li jkollu fil-konfront tieghu tali akkuza, jiddeciedi li jibqa' sieket ghax ihoss li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-intenzjoni ta' spaccc, ser ikun hemm il-periklu li l-Qorti tiddeciedi li hu ma ppruvax, li fiz-zmien tar-reat kien jabbuza mid-droga u ghalhekk xorta ssibu hati tal-pussess aggravat; minkejja n-nuqqas ta' provi. Dan, bir-rispett kollu, huwa ragunament kompletamament zbaljat, li jmur kontra kull principju fundamentali legali tal-ligi penali nostrana.

Illi l-imputat ma ghandu ghalfejn jipprova xejn; filwaqt illi kif tiddetta l-Ligi u anke' jghalmuna l-Qrati taghna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Huwa ghalhekk, li f' kazijiet bhall-kaz odjern, u

cioe' kazijiet b' imputazzjonijiet ta' pussess aggravat, l-Prosekuzzjoni **<u>trid iggib il-prova li d-droga misjuba kienet ser tigi ttraffikata.</u>** Allura, wiehed jistaqsi, meta persuna tinqabad b' ghaxar pakketti droga d-dar, minghajr ebda cirkostanza ohra li tindika li kien ser ikun hemm spacc, qed jinghad li huwa l-imputat li ghandu l-oneru li jipprova li dik id-droga ma kienitx ser tigi ttraffikata? Mhux il-Prosekuzzjoni trid iggib il-prova li dik l-istess droga, filfatt kien hemm l-intenzjoni li tigi ttraffikata?!

Illi inoltre, jigi rilevat ukoll, illi jkun ingust u irragenevoli illi persuna illi tkun ilha ghaddejja proceduri kriminali ghal zmien twil, tintalab li ggib prova medika ghad-dipendenza taghha, issa. Dan ghaliex, persuna li nqabdet bid-droga, ezempju xi ghaxar snin ilu, kif tista ggib il-prova medika tad-dipendenza taghha llum! Inoltre, hemm persuni li jsovlu l-problema tad-droga taghhom, wahedhom, minghajr ebda ghajnuna. Allura f' dan il-kaz, li l-persuna vera kellha problema tad-droga izda ma ghandha xejn x' turi, allura titqies li ma resqet ebda prova u tigi ikkundannata ghal pussess aggravat!! Inoltre, jistghu jezistu cirkostanzi fejn persuna jkollha fil-pussess taghha droga, ezempju biex taghmel xi esperiment. Allura persuna f' dawk ic-cirkostanzi, li ovvjament ma ghandha xejn x' turi li hija dipendenti, ukoll ghandha tinstab hatja ta' pussess mhux ghall-uzu eklsussiv?

Illi l-iskop tal-Legislatur kien li jipprojbixxi li sustanza perikoluza tghaddi minn id ghall-ohra, u allura t-trasmissjoni tal-istess sustanza minn id ghall-ohra; u hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova beyond reasonable doubt, u permezz ta' cirkostanzi fattwali illi l-akkuzat kien ifforma l-intenzjoni specifika li jghaddi d-droga lil haddiehor, u fil-mankanza, l-akkuzat ma jistax jinstab hati. Illi in oltre', fl-istess kuntest, il-Ligi filwaqt li ssemmi l-kliem ' uzu esklussiv', ma tispecifikax liema modalitijiet ghandu jiehu dak l-uzu u ma tillimitax tali uzu ghall-konsum. Illi ghall-grazzja tal-argument, u ghall-fini ta' ezempju, jekk persuna takkwista ammont ta' droga eroina, sempliciment ghall-kurzita', u din qatt ma jkollha ebda intenzjoni li tghaddi l-istess sutanza lil terzi persuni, u din il-persuna tinstab hatja ta' pussess aggravat, kjarament li din tkun ingustizzja. Illi l-principju regolatur huwa l-Prosekuzzjoni trid tipprova li dik il-persuna tkun iffurmat dik l-intenzjoni specifika li jghaddi l-istess droga lil terzi persuni, u mhux l-akkuzat li ghandu xi obbligu li jaghti gustifikazzjoni ta' dak il-pussess; u dan ukoll fil-kuntest tal-inverzjoni tal-oneru tal-prova diga' surreferit.

Illi wiehed ma jistax jakkwipara l-kelma ' uzu' mal-kelma ' konsum', stante' li l-kelma ' uzu' hija ferm usa mill-kelma ' konsum'.

Jekk il-Prosekuzzjoni ghandha dan l-obbligu, u cioe' li ggib il-prova li dik id-droga kienet intenzjonata sabiex tigi spaccatha, dan l-obbligu ma jistax, fl-istess hin, jinkombi wkoll fuq l-akkuzat! L-akkuzat f' liema stadju ser ikun jaf li l-oneru tal-prova sposta fuqu? Ma liema ammont, ghaliex fil-kaz odjern, ma hemm l-ebda cirkostanza, ghajr l-ammont li dik id-droga kienet ser tigi spaccata. Illi l-Qrati jghalmuna li l-inversjoni tal-oneru tal-prova hija wahda eccezzjonali fiha nnifisha u ghaldaqstant meta tkun tehtieg li ssir trid tkun cara daqs il-kristall, u mhux meqjusa bhala regola generali li l-inversjoni tkun saret u daret fuq l-akkuzat.

Illi jigi umilment sottomess li l-fatti tal-kaz odjern ma jaghtu l-ebda indikazzjoni li kienet ser tigi spaccata d-droga li instabet <u>fuq il-persuna tal-appellant stess, aktar u aktar meta ma nstabu l-ebda cirkostanzi ohrajn li jindikaw li dik id-droga kienet ser tigi spaccatha, aktar u aktar meta l-appellant tela' hu innifsu jixhed quddiem l-Onorabbli Qorti jikkonferma b' gurament li d-droga li instabet kienet ghall-uzu esklussiv tieghu.</u> ( sotto lineaar ta l-appellant)

Illi wahda mir-ragunijiet ghalfejn l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi d-droga li instabet fuq il-persuna tal-appellant ma kienitx ghall-uzu eskluzziv tieghu kienet peress li l-ammont tad-droga li instab kien kwazi ghaxar grammi (10g), li skont l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa bizzejjed sabiex l-appellant jinstab hati li kellu l-intenzjoni li jispacca dik id-droga. Bir-rispett kollu, l-appellant ma jaqbel xejn ma' dan it-tip ta' apprezzament tal-provi, tenut kont tal-fatt illi l-ewwel nett l-ammont li instab ma kienx wiehed esagerat, u barra minn hekk, dik l-istess droga kellha purita' ta' 9% biss, purita' baxxa hafna. *Oltre'* dan, tant kemm l-apprezzament tal-provi, mill-Ewwel Onorabbli Qorti sar b' mod zbaljat, u dan qed jinghad b' kull rispett, tant kemm l-ammont wahdu ma setax ikun bizzejjed biex l-Ewwel Onorabbli Qorti ssib htija fl-appellant li kellu l-intenzjoni li jghaddi dik id-droga lil terzi persuni, illi mhux talli d-droga instabet fuq il-persuna tieghu, talli go daru stess waqt li kien taht *house arrest*!! Illi kif diga' gie rilevat, l-appellant, dak iz-zmien imputat, ma kellu l-ebda obbligu sabiex hu jgib kwalunkwe' tip ta' prova li dik id-droga ma kienitx ser tigi spaccatha; izda hu mar pass oltre' u xehed b' gurament. *Di piu',* il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti qieset li, li kieku l-appellant kellu verament problema tad-droga, kellha tkun wahda

sostanzjali tenut kont tal-ammont li instab, dan ma ghandu x' jaqsam xejn, peress li kif diga' gie spjegat aktar ' l fuq, il-Ligi taghmel referenza ghall-kelma ' uzu' u mhux ' konsum'. Barra minn hekk, u dan minghajr ebda pregudizzju ghal dak suespost, il-fatt li l-appellant kien jinsab taht *house arrest,* u l-fatt li hu kellu l-problema tad-droga, jaghmel sens li l-esponent kien jixtri d-droga f' ammonti daqsxejn ikbar, stante' li hu prekluz milli johrog fix-hin irid hu. Illi dan jinghad anke' in vista tal-fatt illi meta persuna jkollha l-vizzju tad-droga hi tikkonsma regolarment, u ghalhekk tixtri aktar milli jkollha bzonn tikkonsma darba biss; aktar u aktar jekk din il-persuna tinsab taht *house arrest* u hija prekluza b' ordni tal-Qorti sabiex ma tohrogx minn god-dar taghha.

Ghaldaqstant, l-esponenti appellant umilment jissottometti illi l-Onorabbli l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u sussegwentament skorretament sabet lill-appellant hati illi kien fil-pussess tad-droga mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. In nkonkluzzjoni, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghal din il-htija stante' illi minn imkien mill-provi ma rrizulta illi l-esponenti appellant kien ser jisspaccja d-droga fil-pussess tieghu ma' terzi.

**B. <u>Piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eccessiva, u cioe' dik ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>**[6], il-Qorti qalet illi:

> *'Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi '*

[6] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003).

*crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**,[7] il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' *Probation*.

*' Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv…*** *Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

[7] Deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008)

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**[8], il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> ′ Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b′ applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta′ dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista′, jew li m′ ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga′ tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F′ dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta′ Jannar 2001 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f′ dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta′ Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma′ l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta′ l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta′ irriversibilita` assoluta – anqas ma tista′ din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta′ l-Avukat Generali li Ordni ta′ Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta′ persuna ta′ eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista′ titfacca fil-hajja ta′ dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista′ jinkiser ic-ciklu ta′ kundanni u ta′ prigunerija.′***

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta′ gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta′ llum.

[8] Deciza mill-Qorti ta′ l-Appell fid-9 ta′ Ottubru, 2008

Ghalhekk, in vista ta' dak kollu suespost, l-esponent umilment jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issibu hati ta' pussess aggravat, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat; filwaqt illi jekk kellha tinstab htija fil-konfront tal-appellant, u dan qieghed jinghad minghajr ebda pregudizzju, il-piena erogata fil-konfront tieghu kellha tkun aktar ekwa u gusta.

Ikkunsidrat,

Fis-seduta ta' nhar is-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **l-Ispettur Victor Aquilina** li qal li fl-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) membri tal-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi kellhom mandat ta' arrest u tfitxija fil-konfront ta' Stiano Agius ta' tmienja u għoxrin (28) sena bin-numru tal-karta tal-identita' 418581M u residenti 13, Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Freemont, Qormi. Jgħid li waqfuh u waqt tfitxija sabu żewġ *sachet* imdaqqsin sustanza kannella suspettata droga Eroina. L-ammont ta' droga kien vicin l-għaxar grammi (10gr) u sabu erba' mitt' ewro (€400) fil-but tiegħu. Jgħidu li wara komplew tfitxija fir-residenza tiegħu u ma sabu xejn. Jgħid li Stiano Agius inġab ġewwa l-kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u nhar l-erbgħa (4) ta' Ottubru ġie mitkellem mix-xhud fil-preżenza ta' PC1036 fejn l-imputat ma wieġeb għall-ebda domanda li għamillu.

L-Ispettur Victor Aquilina preżenta l-istqarrija fejn huwa għaraf il-firma tiegħu u ta' PC1036 Jonathan Joseph Pace filwaqt li l-imputat għażel li ma jiffirmax. Huwa għaraf lill-imputat fl-awla. Huwa preżenta sentenza deċiża kontra l-imputat li ngħatat fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u vera kopja ta' sentenza deciża kontra l-imputat datata l-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar tas-sent elfejn u tmienja (2008). Huwa esebixxa wkoll l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) li nstabu fuq l-imputat u s-sustanza kannella suspettata droga eroina li nstabet fil-but tal-lemin tal-qalziet tal-imputat.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed ukoll **PS1220 Chris Baldacchino** li qal li fl-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) kellhom mandat ta' tfitxija fil-konfront ta' Stiano Agius li huwa għaraf fl-Awla. Jgħid li meta daħlu fir-residenzza tiegħu fil-bieb kien hemm Stiano Agius fejn ix-xhud għamillu tfitxija u fil-but eleva żewġ boroż li kien fihom trab kannella suspettata

eroina. Jgħid li saret tfixxija fid-dar tal-imputat fejn kienu elevati madwar erba' mitt ewro (€400). Jgħid li l-imputat ittieħed id-depot fejn kien hemm is-Sur Aquilina li mexxa l-investigazzjoni.

Ix-xhud ġie muri Dok VA4 li qal li huwa ammont ta' flus f'ewro fejn għaraf it-tag li jagħmlu u spjega li hemm in-numru tiegħu u ta' PC777 li kien preżenti waqt it-tfitxijiet. Xehed li VA5 huma żewġ boroż li ġew elevati minn fuq l-imputat u jgħid li fuq it-tag hemm in-numru tiegħu u ta' PC777.

Fis-seduta ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **PC777 Chris Ebejer** li qal li fl-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa ((2009) marru jagħmlu *search* f'number 13, Santa Rita, Freemont Street, Qormi fejn b'*search* fuq Stiano Agius, li huwa għaraf fl-awla, sabulu żewġ *sachets* li kellhom *brown powder* u erba' mitt ewro (€400) fil-but. Jgħid li fit-tfitxija l-oħra ma sabu xejn.

In kontro-eżami qal li instabu fil-but u mistoqsi jekk kienx fir-residenza wieġeb li '*Ehe dhalna god-dar, waqqafnieh, ghidlnilu li pulizija, ghamilnielu search u mill-but hargu.*'. Reġa ġie mistoqsi '*Imma l-imputat fejn kien?* Wieġeb li fid-dar.

Fis-seduta ta' nhar l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed l-**Ispiżjar Mario Mifsud** li qal li kien appuntat mill-Qorti fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) biex jagħmel analiżi fuq żewġ dokumenti. Jgħid li wieħed minhom jikkonsisti minn ammont ta' flus u allura ma ġiex miftuh u fit-tieni dokument kien hemm żewg blokki ta' lewn kannella, ta' disa' punt disa' grammi (9.9gr) li instabet fihom is-sustanza eroina. Il-purita kienet ta' disa' punt sitta perċentwali (9.6%). Jgħid li l-purita' kienet baxxa '*għax iddekomponiet u giet converted f'6 monoacetyt morphine, igifieri inqalbet, b'hekk dak l-ammont.*'

Mistoqsija mill-Qorti kemm iddum biex tiddekomponi wieġeb li '*Tiddekomponi mill-additive ghax kellha il-Kafeina magħha, tinqaleb.*' Huwa kkonferma li l-kafeina iġġħelha tiddekomponi aktar malajr għax tibda tinqaleb għax tiġbidlek l-ilma tiegħek. Mistoqsi mill-Qorti '*Igifieri mhux ghax kien ilha ghandu?*' Wieġeb '*Dik bhala cutting agent tigbed l-ilma fil-kafeini u tibda tinqaliblek, tigi converted hi.*' Huwa esebixxa rapport immarkat bħala Dok.MM.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-partijiet iddikjaraw li qegħdin jeżentaw lil Qorti kif presedua milli terġa tisma' l-provi mismugħa fil-kawża sa dakinhar quddiem il-Qorti diversament preseduta.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **l-Ispiżjar Mario Mifsud** in kontro-eżami li kkonferma li l-purita kienet ta' xi 9%. Mistoqsi jekk normali li tkun dik il-purita d-droga eroina wieġeb li l-purita għalkemm hi baxxa f'dan il-każ, l-eroina ma kienitx forma ta' powder imma kienet magħquda. Jgħid li r-raġuni hi li kellha l-kafe magħha u ġibdet l-ilma. Jgħid li fil-fatt sab magħha l-morphine u '*6monocetal morphine*' li huma prodott ta' degradazzjoni tal-eroina nnifisha. Għalhekk qal li għalkemm il-purita' kienet baxxa, kienet baxxa minħabba l-kundizzjoni li kienet fiha jew il-mod fejn ġie '*stored*'. Jgħid li dik kienet ir-raġuni għaliex il-purita niżlet b'dak il-mod.

Mistoqsi mill-Qorti '*Jigifieri l-fatt li kien hemm il-morfina li hija prodott ta' degradazzjoni tal-eroina ifisser li bdiet tiddegrada l-eroina*' wieġeb '*Bdiet niezla u jista jkun li kien hemm reazzjoni mal-ilma u mal-arja li jkun hemm*'.

Mistoqsi jekk '*bilfors għalhekk jew jista' jkun li kienet oriġinarjament morfina?*' Wieġeb '*Le ghax hija powder form. Hija instabet, meta gie ghandi, jista jaghti l-kaz li anke l-mod kif giet stored. Jigifieri jekk l-ambjent fejn giet stored, il-kampjun nnifsu fil-qorti ma kienx tajjeb, mhux air conditioned, jista jaghti l-kaz li l-eroina nnifisha bdiet tiddegrada.*'

Mistoqsi jekk jistax ikun li mhux kwistjoni tad-degredat imma kienet kif inhi wieġeb li le għaliex fih innifsu is-'*6 monocetal*' tfisser dik ukoll, li kellek xi mod ta' reazzjoni mal-ilma nnifsu. Jgħid li l-eroina normalment tkun '*powder form*' mhux iebes. Jgħid li dik fiha nnifisha diġa indikazzjoni li l-istorage tagħha ma kienx qiegħed tajjeb. Jgħid li kellu jaħdem fuq li għaddewlu. Mistoqsi jekk dawn solitament jinżammu f'kontenituri ssiġillati, wieġeb li le mill-Qorti ma jieħodhomx ġo kontenituri ssiġillati jgħid li normalment ikunu f'borża. Jgħid li dan id-dokument kien ġie elevat minn but tal-lemin tal-qalziet tiegħu u ma jafx il-qalziet minn liema proċess għadda. Jgħid li meta ġabarha mill-Qorti, l-eroina kienet ġo borża. Jgħid li sakemm sabuha l-Pulizija, sakemm ġiet il-Qorti, ma jafx x'ġara fil-frattemp imma jgħid li l-eroina qatt ma tkun magħquda b'dak il-mod. Normalment tkun *powder form.* Mill-analiżi innifisha, is-sustanzi jagħtu indikazjoni li seta' kien hemm degradazzjni jew sar proċess li ħarġu

dawk is-sustanzi. Jixhed li jista' jkun li l-purita' tagħha niżlet b'dak il-mod minħabba l-proċess li sar. Is-sustanza għaddielu dak iż-żmien id-Deputat Reġistratur Francis X Mangion. Huwa kkonferma li eroina kienet u mistoqsi jekk setgħetx kienet morfina wieġeb li le ma kienitx.

L-akkużi jirrisalu għal Ottubru 2009 u l-espert ikkonferma li l-inkarigu huwa tas-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) jiġgifieri għaddew tlett snin. Jgħid li '*Ghalhekk jien qed nghidlek li dawn kienu qeghdin fi storage u jekk l-istorage ma jkunx air conditioned bhal ma hi s-sitwazzjoni f'Malta, jigifieri jekk l-esebiti mhux ser jinzammu f'kundizzjonijiet tajbin, allura r-rizultati ser johorgu kif qed johorgu. Ma nistax naghmel mod iehor.*'

L-Uffiċjal Prosekutur matul ix-xhieda tal-Ispiżjar qal li peress li ma saritx inkjesta, l-esebiti kienu fl-ufficju tiegħu.

L-ispiżjar mistoqsi mill-Qorti '*Jigifieri li qed tghid li l-purita ma tantx hija indikazzjoni cara ghax tista tkun rizultat ta' process ta' degradazzjoni li ghaddiet minnha s-sustanza*' wieġeb '*Hekk hu.*' Jgħid li kienet magħluqa ġo *plastic bag* normali bit-tag tal-Pulizija mhux f'kontenitur meta għaddiet għandu.

Fis-seduta ta' nhar it-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 il-Qorti tassumi l-posizzjoni ta' Qorti dwar id-droga. Għal dak l-għan id-difiża talbet li tkun tista' tressaq provi sabiex il-Qorti tkun sodisfatta li l-kundizzjnijiet msemmija fl-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 537 effettivament jeżistu.

Fis-seduta ta' nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) id-difiża irtirat it-talba tagħha li għamlet fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) ai termini tal-artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-istess seduta tat-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed l-**imputat Stiano Agius** minn jeddu u b'mod volontarju u qal li jiftakar li kien ġie arrestat mid-dar tiegħu. Huwa ma jiftakarx eżatt jekk fl-elfejn u disgħa (2009) iżda xi ħaġa hekk. Huwa jiftakar li kienu sabulu żewġ pakketti bl-eroina u kkonferma li s-sustanzi kienu għalih. Mistoqsi mill-Qorti '*X'kienu qed jaghmlu ghandek dawn is-sustanzi?*' wieġeb '*Ghax kont nabbuza mill-eroina dak iz-zmien*'. Mistoqsi għaliex kellu dak l-ammont wieġeb li dak iż-żmien kien jabbuża mill-eroina u kien jixtri xi għaxar (10) grammi u

kif jispiċċawlu jerġa jixtri għax kien *house arrest* dak iż-żmien. Jgħid li ma kienx jista' joħroġ u joqgħd jiġri. Jikkonferma li kellu ordni tal-Qorti biex joqgħod id-dar u li ma setax joħroġ meta ried. Mistoqsi mill-Qorti kif kien jagħmel biex jixtri d-droga wieġeb li kien joħroġ u jixtri għaxar (10) grammi. Mistoqsi jekk id-droga kienitx għalih biss jew kienx ser jagħti lil xi ħadd ieħor minnha wieġeb li għalih biss.

Ikkunsidrat;

Illi in breve l-fatti huma s-segwenti:

1. Illi fl-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) il-Pulizija marru fir-residenza tal-appellant fejn fuqu sabulu zewġ pakketti ta' sustanza kannella suspettata droga Eroina;

2.Illi dawn is-sustanzi li instabet fihom is-sustanza eroina kienu jiżnu 4.90 grammi u 5.02 grammi u għalhekk b'totalita ' ta 9.92 grammi b'purita medja ta' dawn is-sustanzi ta' ċirka 09.6%.[9]

3. Fuq l-appellant instabet is-somma ta' erba' mitt ewro (€400);

4. Illi l-appellant ġie akkużat bl-imputazzjonijiet indikati.

Ikkunsidrat;

Illi l-appell huwa prinċipalment ibbażat fuq l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi**'[10]

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-*

[9] Skont ir-relazzjoni tal-ispiżjar Maio Mifsud a fol 28 et seq.
[10] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)

*diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[11]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [12]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[13]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[14]" u ohrajn .)*' (Emfażi miżjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi ċitati jinsabu fin-noti fil-qiegħ tal-paġna)

Ikkunsidrat ukoll:

'*Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[15] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991), p. 1392).' (Emfażi miżjuda)

L-appell huwa bbażat fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante li kien hemm diversi punti li l-Ewwel Qorti għażlet li tinjorahom jew ma temminhomx jew tassumihom mingħajr ebda prova. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq l-ammont ta' droga eroina li nstabet fil-but tal-

[11] Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[12] Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Frar, 1989
[13] Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju, 1991
[14] Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju, 1991
[15] [1969] 1 QB 276

appellant u filwaqt li skont l-appellant il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi l-pussess sempliċi tad-droga eroina, pero' naqset illi ġġib provi konklussivi li l-istess pussess ma kienx għall-użu esklussiv. Jissottometti li r-raġunijiet kwotati mill-Ewwel Qorti ma jikkostitwux raġuni konklussiva għall-fini tal-istess imputazzjoni, u dan stante li ma nġabet ebda prova oħra mill-Prosekuzzjoni li tindika ekwivokament li dik id-droga li nstabet, fiċ-ċirkostanzi li nsabet fihom, kienet ser tiġi spaċċata.

Din il-Qorti għalhekk ser tibda billi tagħmel analiżi tal-provvedimenti tal-liġi f'dak li jirrigwarda l-pussess aggravat biex tevalwa dak li l-prosekuzzjoni jeħtieġ li tiprova sabiex tirnexxi l-imputazzjoni ta' droga li nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant. In segwitu ta' dan ser tagħmel referenza għat-tgħallim ġurisprudenzjali u tevalwa jekk fuq il-provi prodotti, setgħetx l-Ewwel Qorti legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

L-**artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101** tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

'*meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ) ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta'pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, **taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati**, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew(1D) jew (lE), priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba'mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87);* (Emfażi miżjuda)

Filwaqt li t-test Ingliż tal-istess subartikolu jaqra: '*where the offence is one under article 4 or under article 8(c) or consists in selling or dealing in a drug contrary to the provisions of this Ordinance or in an offence under subarticle (1)(f), or of the offence of possession of a drug, contrary to the provisions of this Ordinance, **under such circumstances that the court is satisfied that such possession was not for the exclusive use of the offender**, or of the offences mentioned in subarticles (1C) or (1D) or (1E), to imprisonment for a term of not less than six months but not exceeding ten years and to a fine (multa) of not less than four hundred and sixty- five euro and eighty-seven cents (465.87) but not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (11,646.87)*' (Emfażi miżjuda).

Il-**Misuse of Drugs Act, 1971 tar-Renju Unit** fl-artikolu 5(3) tiprovvdi li:

'*Subject to section 28 of this Act, it is an offence for a person to have a controlled drug in his possession, whether lawfully or not**, with intent to supply it to another** in contravention of section 4(1) of this Act.*' (Emfażi miżjuda)

Għalhekk kif din il-Qorti ser tikkonsidra aktar l'isfel jirriżulta li hemm distinzjoni bejn dik li tiprovdi l-Liġi Maltija u dik tar-Renju Unit. Il-Qorti għalhekk issa ser tagħmel referenza għat-tgħallim ġurisprudenzjali rigwardanti ċ-ċirkustanzi li l-Qrati qisu li jiddeterminaw jekk ikunx hemm pussess sempliċi jew pussess mhux għall-użu esklussiv.

Illi kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Jesmond J. Borg Vs Lawrence Fabri'**[16]:

'*Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq **"possession with intent to supply"**, bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il- pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta'l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:*

***"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill- Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke***

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2017 (Appell numru: 243/2016)

***jekk il- pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d- droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall- uzu esklussiv taghha[17]"***

*Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.*

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

[17] Deċiża fit-tnejn (2) ta' Settembru, 1999 (In-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tlieta (3) tas-sentenza ċitata taqra '02/09/1999')

- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.[18]"*

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article* ***may be inferred from objective factual circumstances****."*

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita' jew ammont ta' droga li tinsab fil- pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil- Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Maghmula allura dawn il-kondsiderazzjonijiet ta' dritt huwa bil-wisq evidenti li l-interpretazzjoni li l-appellanti qed jintenta jaghti lir-reat addebitat lilu ma huwiex wiehed ghal kollox korrett billi qed jistrieh iktar fuq id-definizzjoni moghtija fid-dritt ingliz iktar milli dak lokali fejn il-ligi mkien ma' tindika illi l-pussess irid ikun wiehed "with intent to supply" izda wiehed li "mhux ghall-uzu esklussiv tal-hati" distinzjoni sottili hafna li madanakollu ma igorrx mieghu l-piz iebes li hemm fuq il-prosekutur brittaniku kuntrarjament ghal prosekutur malti. Kwindi anke dan l- aggravvju qed jigi

[18] In-noti ta' qiegħ il-paġna numerati erbgħa (4) fis-sentenza ċitata tiċċita 'www.cps.gov.uk'

rigettat.'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Jonathan Mifsud'**[19] ġie kkunsidrat li:

*'Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis- sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat o meno ghandha tigi ezaminata:*

***"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il- prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l- ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."***

*F'dan il-kaz irrizulta li l-appellant dahal it-Tattingers disco, ir-Rabat, u hemm instabu fuqu mill-Pulizija 38 pillola ecstasy. Certament dan l-ammont mhuwiex ammont li wiehed jikkonsma wahdu f'lejl wiehed ta' divertiment. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi b'hekk biss l-ewwel imputazzjoni hi assodata. Aktar minn hekk, il- prosekuzzjoni esebiet bhala Dok. NC2 l-istqarrija ta' l- appellant. Huwa minnu li din ma gietx iffirmata pero` m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li hija l-istqarrija li huwa ghamel lill-Pulizija. Difatti fir-rikors ta' appell tieghu jghid biss li ma ffirmax ghax "ma kienx konvint mill- kontenut taghha". Pero` meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, l-unika spjegazzjoni li ta bhala raguni ghalfejn qal "jekk jinqala' xi hadd jiena kont sejjer inbiegh minnhom" kienet li kien imbezza'. Wara li l-ewwel Qorti fakkritu li kien bil-gurament u jrid jghid il-verita`, il-linja ta' mistoqsijiet mid-difensur tieghu hadet linja ohra, u cioe` dwar il- kondizzjoni prezenti tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti l- ispjegazzjoni li l-appellant ta ma xxejjen bl-ebda mod il- kontenut ta' l-istqarrija, ossia ta' dik id-dikjarazzjoni li huwa ghamel fiha dwar x'kien se jaghmel bil-pilloli.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. N. Grixti) Vs Emmanuele Magro'**[20] ġie kkunsidrat:

*'Illi dwar l-aggravju fir-rigward tas-sejbien ta' htija tal- akkuza ta' pussess 'aggravat' tal-*

[19] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2010 (Appell Kriminali Numru. 173/2010)
[20] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Frar, 2008 (Appell Kriminali numru: 325/2007)

*eroina, l-Ewwel Qorti ukoll ghamlet analasi akkurata tal-provi w c-cirkostanzi tal- kaz. U, wara li qieset il-gurisprudenza relattiva, kkonkludiet li kien hemm bizzejjed provi biex iwassluha ghall-konvinciment morali li l-appellant kien hati ta' din l- akkuza. Fost dawn ic-cirkostanzi, l-Ewwel Qorti semmiet il-kwantita' tal-eroina misjuba w il-fatt li kienet ippakkettata bil-lest f' disgha w ghoxrin (29) sachet, meta, kieku kienet ghall-uzu tal-appellant, ma kienx ikollu ghalfejjn joqghod jippakketta go sachets daqshekk droga minn qabel.*

*Is-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli difensur fir-rikors tal-appell u waqt it-trattazzjoni dwar dan l-aggravju ma jwasslux lil din il-Qorti biex tissostitwixxi id-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti.'*

Sentenza oħra li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi li juru li pussess ma jkunx għall-użu esklussiv hija dik fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Neville Aquilina) vs Brian Caruana'</u>**[21] fejn ġie kkunsidrat li:

*'Dwar l-aggravju l-iehor tal-appellant li ma rrizultawx cirkostanzi tali li juru li d-droga misjuba ma kienetx ghall-uzu personali tal-appellant, din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha ma tarax li l-konkluzzjoni tal- ewwel Qorti fir-rigward kienet wahda "unsafe and unsatisfactory" u fuq dan l-apprezzament ta' fatt din il-Qorti ma tarx li ghandha ghalfejn tiddisturba il-gudizzju tal-ewwel Qorti.*

*Illi fattur kurjuz u ta' certa rilevanza umbaghad johrog mill-istess stqarrija tal-appellant fejn jghid li gieli marru nies ghandu sabiex jitolbuh id-droga, izda skond hu qatt ma kien ta ll hadd. Kieku kien veru li hu sab id-droga in kwistjoni b'xi wahda miz-zewg modi solitarji u b'kumbinazzjoni li jghid li sabha u kien biss kulltant jaghmel uzu minnha wahdu, wiehed legittimament jistaqsi: kif griet il-kelma u kienu sahansitra jmorru in-nies ghand l-appellant u jitolbuh id-droga? Minn dan il-fatt ammess mill-istess appellant jidher li hu kien maghruf fic-cerkji tad-droga bhala wiehed li ghandu il-mezzi kif jista' jissodisfa il-bzonn ta' persuni ohrajn ghall-istess droga u din hija indikazzjoni ohra li setghet legittimament u logikament twassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni minnha raggunta.*

*Indikazzjoni cirkostanzjali ohra hija l-mizien elevat mir-residenza tal-appellant. Wiehed jistaqsi: jekk hu minnu li l-appellant kull ma kien jaghmel bid-droga li suppost sab, kien li jpejjep xi wiehed kulltant, xi bzonn kellu li jkollu mizien jekk mhux biex ikejjel u jqis il-piz ta' partiti tad-droga li kien ser jghaddi jew li kien jghaddi lil terzi? Biex irembel cigarrett ghalih*

[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Mejju, 2002 (Appell numru: 167/2001 JGD)

*wahdu, ma kellux bzonn mizien, ghax anki jekk irembel ftit inqas jew ftit aktar minn daqshekk droga li kellu, ma kien ser jigri xejn. Wiehed ukoll jistaqsi jekk l-appellant kien juza id-drpga wahdu xi bzonn kien hemm li parti minnha tkun ippakkjatha ghall-lest go kaxxi ta' sulfarini, b'mod li hu risaput kif din id-droga tghaddi minn id ghall-ohra?*

*Illi l-insenjament li ghalih ghamel riferenza l-appellant fis-sentenzi citati fir-rikors tieghu, ghandhu indubbjament il-portata tieghu, izda kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal- provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il- gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) Vs Stephen Abela'**[22] ikkunsidrat li '***l-Ewwel Qorti kellha kull dritt timferixxi li mill-kumpless tac-cirkostanzi l-fatt li l- appellant mar go kazin fejn ikun hemm iz-zghazagh bi kwantita' mhux insinifikanti ta' droga eroina li zgur li dak il-hin ma kienetx kwantita' li ser juza ghalih barra mid-dar tieghu, kien hemm ic-cirkostanzi li jindikaw li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu fid- dawl tal-gurisprudenza minnha citata.'***

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Nezrin Grixti) Vs Marius Magri'**[23] ġie kkunsidrat li:

***'Il-Prosekuzzjoni w l-Ewwel Qorti jsostnu li mill-fatt li d-droga nstabet maqsuma ( apparti l-bicca' z-zghira) b' erba bicciet li l-average weight taghhom kienet ta' 25 gramma il bicca, piz li ma jvarjax hafna mill-piz attwali taghhom, jista' jindika li dan kien ghax id- droga kienet intiza biex tigi spaccata. Id-difiza ghall- kuntrarju targumenta li bil-fatt li dawn l-erba bicciet mhumiex tal-istess piz, wiehed ghandu jifhem li ma kienux intizi ghall-ispacc ghax kieku wiehed kien jara li l-piz ikun kemm jista' jkun uniformi w mhux ivarja kif ivarja f' dal-kaz. Dan l-argument ghandu certa***

[22] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Awwissu, 2005 (Appell Kriminali Numru: 116/2005)
[23] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 2005 (Appell Kriminali numru: 26/2005)

*validita'.*

*Umbaghad hemm l-assenza kompleta ta' xi cirkostanza ohra bhal ma huma n-nuqqas ta' sejbien ta' xi mizien, ismijiet, numri tat-telefon, eccetra, li jistghu jindikaw kuntatti ma klienti tal-ispaccatur.*

*Id-difiza targumenta ukoll li fl-assenza ta' xi prova mill-prosekuzzjoni, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija biss ghax l-appellant fil-versjonijiet li ta kemm waqt li qed jirrilaxxja l-istqarrija tieghu, kif ukoll meta xehed kien inkonsistenti. Issa hu minnu li l-appellant ftit li xejn kien konsistenti u kredibbli fil-versjoni li ta dwar il-provenzjenza tad-droga u dwar kif id-droga giet biex inqasmet f' bicciet. Dan ghaliex jaghti spjegazzjonijiet differenti kemm ta' cirkostanza kemm tal-ohra. Id-difiza pero' targumenta li dan wahdu ma jistax jirrendih hati tal-akkuza kif dedotta.*

*Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fuq aggravju simili fl-Appell Kriminali "Il-*Pulizija vs. Brian Caruana*" fuq citat, "din is-sottomissjoni kienet tkun sa certu punt fondata kieku l-Ewwel Qorti bbazat biss il- konsiderazzjonijiet taghha fuq l-inattendibilita' tal- versjonijiet differenti w improbabbli moghtija mill- appellant. Imma "in all fairness" ghall-Ewwel Qorti, l- argument tal-inattendibilita' ma ngabx fil-kuntest ta' prova mill-Ewwel Qorti imma fil-kuntest li wassal lill- Qorti biex tiskarta d-diversi spjegazzjonijiet li ta ghall- akkwist tad-droga w dana b' mod li giet imminata l- kredibilita' tieghu meta sostna li d-droga kienet ghall- uzu tieghu. L-Ewwel Qorti ma qalitx li l-appellant hu hati ghax mhux qed temmnu. Qalet invece li hemm cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghall- konkluzzjoni li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu w li c-cahda ta' dan mill-appellant ma kienetx attendibbli w ergo ma kienetx qed tatiha l-piz li xtaq li tinghata l-appellant bhala prova. Dan hu argument divers minn dak kif interpretat mill-appellant fl- aggravji tieghu fir-rikors tal-appell. Anki hawn din il- Qorti ma ssib xejn x' ticcensura fir-ragunament tal-Ewwel Qorti."*

*Dan jidher li hu applikabbli anki ghal dan il-kaz, ghax l-Ewwel Qorti ma sabitx htija biss minnhabba din l- inkonsistenza, imma qieset diversi cirkostanzi ohra bhal ma huma l-kwantita' tad-droga misjuba, il-mod kif kienet maqsuma, w l-fatt li l-appellant gie kontradett ukoll mill-Ispettur Sandro Gatt.*

*Din il-Qorti pero' xorta wahda, wara li rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha*

***w fil-waqt li, bhall- Ewwel Qorti, ma thossx li ghandha taghti affidament lill-versjonijiet moghtija mill-appellant kemm dwar il- provenzjenza tad-droga kif ukoll il-mod kif giet biex inqasmet f' bicciet u min qasamha, mill-banda l-ohra ma thossx li semplicement biss mill-kwantita' elevata u esebita w kif id-droga instabet maqsuma, jista' jintqal bla ebda dubju ragonevoli li dan necessarjament jindika li d-droga misjuba kienet intiza ghall-ispaccar lil terzi. F' dan il-kaz din il-Qorti ghad ghandha dak il-**"lurking doubt"** li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-appellant.***

*Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal- appellant dwar li ma hemmx provi sufficjenti li jindikaw bla ebda dubju dettat mir-raguni li d-droga ma kienetx ghall- uzu esklussiv tal-appellant.'*

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-oneru tal-prova meħtieġa sabiex tirnexxi imputazzjoni ta' pussess aggravat, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Norbert Ciappara) vs Jeffrey Sammut</u>**[24] fejn kien ġie kkunsidrat li:

***'Illi dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda l-oneru tal- prova, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal- appellant li hija w tibqa' dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni jew bi provi diretti jew bi provi indizjarji li l-pussess tad- droga jkun taht cirkostanzi tali li jindikaw li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat. Pero' "in all fairness" l-Ewwel Qorti ma marritx kontra dan il-principju f' dak li qalet. Di fatti l-Ewwel Qorti ma qalitx dak li jinghid fir-rikors tal-appell u cioe' "li l-akkuzat ma rmexxilux jipprova li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu". Li qalet l-Ewwel Qorti, wara li ccitat diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati biex tipprova tislet xi kriterji li ghandhom iservu ta' gwida lil Qrati biex ikunu jistghu jiddistingwu bejn pussess semplici w pussess aggravat, kien testwalment dan :- "Din il-Qorti hi tal- fehma li l-imputat ma ppruvax id-difiza tieghu fuq bazi ta' probabbilta'." U ziedet tghid : "Din il-Qorti qed tqis li l-ammont ta' droga, l-ammont ta' qratas (ghoxrin) it- tqassim matematiku preciz taghhom u s-sejba ta' aktar qratas vojta fil-karozza u ta' erbghin lira Maltiija f' idejn l-imputat, meta dan lanqas kellu job tajjeb jew li jassigura dhul ragonevoli, u li l-flus instabu***

[24] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Settembru, 2005 (Appell Kriminali Numru: 167/2005)

***meta l- imputat kien ghadu kif nefaq somma konsiderevoli l- jum ta' qabel, jammontaw ghal cirkostanzi ta' pussess aggravat."***

*F' dan kollu l-Ewwel Qorti kienet qed tghid li meta l- Prosekuzzjoni ppruvat dawn ic-cirkostanzi kollha, hija kienet sodisfatta sal-grad ta' prova li trid il-ligi li kien gie pruvat li l-pussess ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu. Umbaghad qalet ukoll li, wara li ezaminat il-linja difensjonali w l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellant ghal dawk ic-cirkostanzi, l-appellant ma ssodisfahiex lanqas sal-grad tal-probabbli. Dan l-Ewwel Qorti kellha dritt tghidu kif qalitu w ma hemm ebda spropozitu legali jew inversjoni tal-prova la esplicita w lanqas implicita f' dak li qalet. '*

Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Ernest Briffa'**[25]:

*'Rigward il-flus li kellu fuqu l-appellant u li l-ewwel Qorti awtorizzatu li jirriprendi, evidentement l-ewwel Qorti emmnet li l-flus, jew almenu parti sostanzjali minnhom, kien tahomlu missier l-appellant ghall-iskop imsemmi kemm mill-appellant kif ukoll minn missieru. Logikament ukoll, ladarba l-appellant kien ghadu kemm hareg mid-dar fejn kien qieghed taht osservazzjoni, huwa ma kien ikkonsenja droga lil hadd u ghalhekk ma kienx ircieva flus.*

*Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac- cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl- Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Noel Borg** deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*

***"Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri'[26], dawn il-kazijiet mhux l- ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l- Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill- prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal- pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio"[27]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali***

[25] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Jannar, 2011 (Appell Kriminali Numru: 277/2010)
[26] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 2005
[27] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Awissu, 1998

***: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri"*[28] ***)*** (Emfażi miżjuda u dati tas-sentenzi ċitati fin-noti f'qiegħ tal-paġna)

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti li '*l-Ligi Maltija, f'dak li ghandu x'jaqsam mal-pussess aggravat, hija mudellata fuq il-Liġi Ingliża u li tirrikjedi bilfors the 'intent to supply'. Illi fil-kamp penali l-iskop tal-legislatur fil-ligi Maltija li hija mmudellata fuq il-Misuse f Drugs Act tal-Ingiltrrra kien ghalhekk li jolqot l-agir ta' persuna li ghandha sustanza illecita u ffurmat l-intenzjoni, jew li tista tifforma l-intenzjoni illi tispacca l-istess. Hekk taht il-Misuse of Drugs Act, 1971 fir-Renju Unit, il-kliem uzat huwa 'possession* ***with intent*** *to supply'. Jinghad illi fir-Renju Unit il-posizjoni legali, ukoll hija differenti minn pajjizna specjalment dak illi jikkoncerna cannabis u ecstasy). Ghaldaqstant il-provi u cirkostanzi materjali huma rilevanti* ***in kwantu jindikaw l-intenzjoni ta' spacc,*** *u f' dan il-kuntest allura il-Qorti sabiex issib htija ghandha tkun konvinta beyond reasonable doubt illi tali persuna mhux biss kellha l-pussess tad-droga* ***izda wkoll*** *l-intenzjoni li tispacca jew b' xi mod li jkun tikkonsenja mill-istess droga.*'

Din il-Qorti ma taqbilx in toto ma tali sottomissjoni. Tirriżulta distinzjoni bejn il-liġi tar-Renju Unit u dik Maltija. Dik tar-Renju Unit tirrikjedi li jkun hemm '*possession with intent to supply*' filwaqt li taħt il-liġi Maltija ma hemmx il-ħtieġa li jiġi pruvat li kien hemm '*intent to supply*'. Dak li jrid jiġi pruvat huwa li jeżistu ċirkustanzi li jindikaw li d-droga ma kienitx għall-użu esklussiv. Illi għalhekk hemm element kbir ta' diskrezzjoni fuq il-ġudikant li jrid ikollu dak il-konvinċiment morali li jirriżultaw ċirkostanzi li jindikaw li s-sustanza ma kienitx intiża għall-użu eskussiv. Dak li qiegħed jikkolpixxi l-leġislatur hija l-intenzjoni li sustanza ma tkunx għall-użu esklussiv. L-appellant jagħmel distinzjoni bejn il-kelma 'użu' użata fil-liġi Maltija u l-kelma 'konsum' b'dan li jgħid li l-kelma 'użu' hija ferm aktar usa mill-kelma 'konsum'. Il-Qorti fis-sentenza **'Il-Pulizija vs Jason Mallia'**[29] kienet ikkunsidrat li bil-kelma 'użu', il-leġisatur ried ifisser 'konsum' ' *u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha*'. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li l-leġislatur għażel li juża l-kelma 'użu' u mhux 'konsum' huwa sinifikanti u dan peress lli għalkemm ammont ta' droga jekk tkun sostanzjali timplika li ma kinitix għal konsum esklussiv ta' dak li jkun per eżempju f'lejl wieħed, il-kelma 'użu' ma timplikax li din ser per

[28] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Settembru, 1999.

[29] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru, 1999 kif ċitata fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Jesmond J. Borg vs Lawrence Fabri' deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2017 (Appell numru: 243/2016)

eżempju tiġi konsmata f'lejl wieħed. Dan japplika speċjalment meta sustanza tinsab f'residenza fejn allura mhux neċessarjament li wieħed kien ser jikkonsmaha dak in-nhar stess iżda li tkun għall-użu tiegħu.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkunsidrat li '*Fil-fehma tal-Qorti, ammont ta' 9.92 grammi huwa ammont sinjifikanti u certament li m'huwiex tali li wiehed normalment jassocjah ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur. Ghalhekk f'dan il-kaz, ai termini tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kien jispetta lill-imputat li juri, imqar sal-grad tal-probabbli, illi dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu. Madankollu, kull ma jirrizulta fl-atti f'dan ir-rigward, hija x-xhieda tal-imputat illi jghid li fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jaghmel uzu mill-eroina, li kien qieghed taht house arrest u li allura minhabba r-restrizzjonijiet li kien assoggettat ghalihom, huwa kien jixtri l-eroina f'piz ta' ghaxar grammi f'daqqa ghall-uzu personali tieghu. Issa apparti illi ghalkemm l- imputat kien fid-dar jew fil-bieb tad-dar tieghu, id-droga kollha nstabet fuq il- persuna tieghu f'zewg boroz separati, bid-droga f'kull borza f'ammonti tassew simili, ghajr ghax-xhieda tieghu, m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi illi l-imputat kien dipendenti jew li kien jaghmel uzu mid-droga eroina fiz-zmien in kwistjoni. Il-Qorti tqis illi li kieku l-imputat kien jehtieglu jakkwista ammont ta' ghaxar grammi eroina sabiex jissodisfa l-vizzju tieghu, dan ikun ifisser illi l-imputat kellu vizzju sostanzjali ta' droga, izda effettivament fix-xhieda tieghu, la jghid kemm kien ilu juza droga eroina, la jghid kemm kien juza droga kuljum jew kemm kien jixtri ta' sikwit, u lanqas jghid kemm kien iservih ammont ta' ghaxar grammi u kull kemm allura kien jehtieglu johrog mid-dar sabiex jixtri d-droga. Effettivament, lanqas ma jressaq prova li fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jinsab taht house arrest. Jghid biss u sempliciment li dak iz-zmien, huwa kien juza l- eroina u dan sabiex jiggustifika s-sejba ta' ammont sinjifikanti ta' droga fil-pussess tieghu. Fl-atti madankollu, ghajr ghal din ix-xhieda, m'hemm l-ebda indikazzjoni ckejkna kemm hi ckejkna dwar dan, lanqas mill-fedina penali aggornata tieghu, li wkoll ma tinkludi l-ebda kundanna dwar pussess tad-droga eroina jew tal-inqas pussess semplici ta' xi droga ohra. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-imputat ha l- pedana tax-xhieda biex jghid sempliciment u xejn izjed illi dak iz-zmien huwa kien juza l-eroina u li kien taht house arrest, ikkunsidrat mill-banda l-ohra, l-ammont ta' droga li nstab fil-pussess tieghu u l-mod kif dan l-ammont kien maqsum, ma jurix sal-grad tal-probabbli, illi tali ammont kien intiz esklussivament ghall-uzu personali tieghu.*'

Din il-Qorti filwaqt li taqbel li l-ammont ta' 9.92 grammi maqsum f' żewġ pakketti ta' 4.90 u 5.02 grammi eroina huwa ammont sinifikativ, ma taqbilx li kien sta għall-

appellant sabiex jiprova li tali droga kienet għall-użu esklussiv tiegħu. Il-fatt li l-akkużat għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda fejn spjega li huwa kellu l-vizzju tal-eroina ma jbiddel xejn mill-oneru tal-prova li hemm fuq il-prosekuzzjoni. Il-fatt li mill-atti ma tirriżultax prova li l-appellant kien dipendenti fuq din id-droga u li kien taht *house arrest* ma tbiddel xejn lanqas. L-oneru tal-prova hija fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprova li din ma kienitx għall-użu esklussiv.

Fil-każ in eżami id-droga skont l-Ispiżjar Mario Mifsud kellha purita' medja ta' 09.6%. Dan ix-xhud fix-xhieda tiegħu tal-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) jgħid li l-eroina kellha l-kafeina magħha li ġgħelha tiddekomponi aktar malajr. In kontro-eżami fix-xhieda tiegħu ta' nhar is-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) jispjega li l-purita' mhijiex indikazzjoni ċara f'dan il-każ u dan peress li tista' tkun riżultat ta' proċess ta' degradazzjoni kemm minħabba l-kundizzjoni li kienet fiha din id-deoga u anke l-mod ta' kif kienet '*stored*'. Jgħid li l-eroina normalment tkun f'*powder form* waqt li għandu waslet magħquda. L-akkużi jirrisalu għal Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) filwaqt li r-rapport tal-espert huwa datat it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tikkunsidra l-fatt li l-purita' kienet baxxa neċessarjament ifisser li kienet għall-użu esklussiv.

Illi meta għażel li jixhed l-imputat fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa spjega li kellu l-ammont ta' eroina għax kien jabbuża mid-droga, jgħid li kien jixtri xi għaxar (10) grammi u kif jispiccawlu kien jerġa jixtri peress li kien bil-*house arrest*. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li ma ġab l-ebda prova li huwa kellu dan il-vizzju u lanqas li kien fuq *house arrest*. Din il-Qorti sejra tikkunsidra għalhekk jekk l-ewwel Qorti kienitx safe and satisfactory meta sabet lill-imputat ħati ta' pussess aggravat.

Iċ-ċirkostanzi tal-każ mill-provi jirriżultaw li kienu li d-droga instabet fil-but tal-lemin tal-imputat ġewwa r-residenza tiegħu. PS1220 Chris Baldacchino fix-xhieda tiegħu tas-sbatax (17) ta' April, tas-sena elfejn u tnax (2012) jgħid li '*Meta dhalna ir-residenza tieghu fil-bieb kien hemm Stiano Agius fejn ghamilt tfittxija*' filwaqt li PC777 Chris Ebejer in kontro-eżami fix-xhieda tiegħu ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) mistoqsi fejn kien l-appellant wieġeb li fid-dar. Il-Pulizija sabu wkoll erba' mitt ewro (€400) fuq l-apellant.

Illi din il-Qorti tinnota li d-droga kenet maqsuma f'żewġ pakketti b'ammonti simili u kienu jinsabu fil-but tal-appellant u mhux f'xi kexxun fil-kamra tas-sodda tiegħu. In oltre' instabu wkoll erba' mitt ewro (€400) fuq l-appellant. B'dan iċ-ċirkostanzi mingħajr ebda prova oħra, din il-Qorti ma tħoss li ġie ppruvat li s-sustanza ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant u dan mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Dan anke tenut kont tal-fatt li meta saret it-tfittxija, ma nstab xejn aktar għajr id-droga u l-flus fuq l-appellant. Iżda ma nstabux oġġetti oħra li huma abbinati mal-ispaċċar fosthom miżien. L-Ispettur Victor Aquilina fix-xhieda tiegħu ta' nhar is-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) jgħid li saret tfixxija fir-residenza tal-appellant u ma nstab xejn.

Ikkunsidrat;

Prova indizzjarja trid tkun ċara u univoka sabiex twassal għal sejbien ta' ħtija tant li meta interpretati ma jwasslu għall-ebda konklużjoni oħra għajr dik tas-sejbien tal-ħtija. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana'**[30] fejn ġie ikkunsidrat '*Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*'

Illi kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID 401187(M))'**[31]:

'*Fir-rigward ta' provi indizjarji jew indiretti, fil-kaz fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri***[32]*, il-Qorti sostniet hekk:*

[30] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Novembru 2001
[31] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2016 (Kawża numru: 83/2011)
[32] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir- raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita` taghha, cioe` li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi."* (Dettalji tas-sentenza fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID 401187(M))'**[33]: għamlet referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Paul Grech'**[34] fejn inqal illi *"il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita` ta' l- imputat."* (Dettalji tas-sentenza fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **''Il-Pulizija (Spt. D. Theuma) Vs Glenn Busuttil'**[35]:

*'Il-Prosekuzzjoni w l-Ewwel Qorti jsostnu li l-fatt li d-droga nstabet maqsuma f' pakketti ta' piz approssimattiv ugwali jista' jindika li dan kien ghax id-droga kienet intiza biex tigi spaccata. F' dan il-kaz apparti l-allegata informazzjoni li rceviet il-pulizija - li, kif gja ntqal, mhux ammissibbli bhala prova - hemm l-assenza kompleta ta' xi cirkostanza ohra bhal ma huma n-nuqqas ta' sejbien ta' xi mizien, ismijiet, numri tat-telefon, eccetra, li jistghu jindikaw kuntatti ma klienti tal-ispaccatur.*

*Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha w fil-waqt li, bhall-Ewwel Qorti, ma thossx li hi konvinta ghall-ahhart dwar il-versjoni moghtija mill- appellant dwar il-provenzjenza tal-flus li gew elevati mid- dar tieghu, mill-banda l-ohra ma thossx li semplicement biss mill-kwantita' tad-droga elevata w esebita w kif id- droga nstabet maqsuma, jista' jintqal bla ebda dubju ragonevoli li dan necessarjament jindika li d-droga misjuba kienet intiza ghall-ispaccar lil terzi. F' dan il-kaz din il-Qorti ghad ghandha dak il-**"lurking doubt"** li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l- appellant.'*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID**

[33] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2016 (Kawża numru: 83/2011)
[34] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' April 2001
[35] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Jannar, 2009 (Appell Kriminali numru: 167/2008)

**401187(M))'[36]** ikkunsidrat ukoll:

*Illi l-gurist **Ingliz Pollock C.B**[37] jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal- univocita` tagħha bis-segwenti mod:*

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* (Emfażi miżjuda)

Din il-Qorti tħoss li l-fatt li nstabet id-droga in kwistjoni f'żewġ boroż b'piż kważi identiku fil-but tal-appellant mhijiex neċessarjament prova li mingħajr dubju dettatt mir-raġuni twassal għal konklużjoni waħda u waħda biss li d-droga ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant. Mhux kull ċirkostanzi li tista twassal għal suspett hija suffiċenti, għalhekk din il-Qorti għandha '*a lurking doubt*' kemm verament din id-droga ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant. Dan id-dubju għandu jmur favur l-appellant.

Għalhekk din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant stante li ma jirriżultax li l-prosekuzzjoni pruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li d-droga ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. La darba din il-Qorti laqgħet l-ewwel aggravju u sabet li ma ġietx pruvata li d-droga ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant jeħtieġ li l-piena tirrifletti dik ta' pussess sempliċi. L-appellant talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn ma trattatx mal-appellant fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u kif ukoll fejn ma kkonfiskatx l-erba' mitt Ewro (€400) li instabu

[36] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2016 (Kawża numru: 83/2011)
[37] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata għaxra (10) fis-sentenza ċitata)

għand l-appellant iżda talab it-tħassir u r-revoka tas-sentenza in kwantu l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u r-riforma tas-sentenza fil-parti tal-piena inflitta.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni, l-appellant tqies mill-Ewwel Qorti bħala reċediv *ai termini* tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant għalkemm fit-talba tiegħu talab li din il-Qorti tħassar fejn sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni, ma ressaq l-ebda aggravju biex jissostanzja tali talba. In oltre, kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti l-appellant kien instab ħati fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2008) u fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u jirriżulta li skont il-fedina penali l-multi kienu tħallsu wara li ġie kommess ir-reat hawn in mertu tal-ewwel imputazzjoni. Għalhekk ma hemmx raġuni biex din il-Qorti tħassar is-sejbien tal-ħtija tat-tielet imputazzjoni.

La darba din il-Qorti qiegħda ssib lill-appellant ħati ta' pussess sempliċi iżda mhux aggravat u tikkonferma s-sejbien tal-ħtija tat-tielet imputazzjoni *ai termini* tal-artikolu 49 tal-Liġijiet ta' Malta, ser tikkonsidra liema piena għandha tagħti fit-termini tal-liġi għal pussess sempliċi u bħala reċediv.

Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. D.Theuma) Vs Glenn Busuttil</u>**[38]' ikkunsidra li '*(...)mill-ezami tal-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li l-appellant, mis-sena 2000 sal-lum gja issubixxa tmin kundanni mill-Qrati. Apparti kazijiet ta' glied u ksur tal-ligijiet tat-traffiku, l-appellant instab hati diversi drabi li forna jew ipprokura d-droga eroina w gie kundannat ghal tmintax il-xahar prigunerija, fit-8 ta' Frar, 2002, sentejn ohra prigunerija b' sentenza tat-18 ta' Frar, 2002, kif ukoll ghal sentejn prigunerija ghall-istess reat kommess f' dati differenti. Rega' mbaghad instab hati ta' serq aggravat bil- valur u inghata sentenza ta' prigunerija sospiza fil-1 ta' Frar, 2003. Fil-2006, instab hati tar-reat kontinwat li hajjar tfajla ghall-prostituzzjoni w li ghex mill-prostituzzjoni ta' din it-tfajla w li ssekwestra lill-istess tfajla w li kien recidiv u gie sentenzjat ghall-ghaxar xhur prigunerija. Inoltre recentement u cioe' fil-5 ta' Marzu, 2008, kien gie sentenzjat ghal xaharejn prigunerija talli naqas li jhares il- kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti meta kien inghata l- helsien mill-arrest. B' dana kollu l-appellant ma tghallem xejn u kkommetta r-reat li qed jinstab hati taghhom minn din il-Ewwel Qorti w dan apparti reati ohra li qed jinstab hati taghhom b' sentenza ohra fl-istess ismijiet tal-lum stess (Appell Nru. 175/08).*

---

[38] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Jannar, 2009 (Appell numru: 167/2008)

*Ghalhekk anki ghar-reat ta' pussess semplici jidher li ghandu jkun hemm piena restrittiva tal-liberta' b'effett immedjat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.'*

Kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti skont il-fedina penali tal-imputat, l-appellant instab ħati ta' numri kbir ta' reati, tant li kien anke instab ħati ta' pussess aggravat tad-droga. Minkejja li l-appellant fl-appell tiegħu '*jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kieni għadu fiha qabel cioe' filperjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati*', ma nġabet l-ebda prova li l-appellant biddel ħajtu jew li ħadem sabiex imur fit-triq it-tajba.

In vista tal-fedina penali tal-appellant, din il-Qorti ma tħoss li għandha tnaqqas il-multa ordnata mill-Ewwel Qorti iżda stante li mill-istess fedina penali ma jirriżultax li l-appellant nstab ħati ta' akkużi għal reati kommessi wara d-data ta' meta ġie kommess ir-reat in kwistjoni (l-aħħar reati skont il-fedina penali jirrisalu għas-sena elfejn u sebgħa (2007) u li kien ġie kkundannat għalihom fis-sena elfejn u ħmistax (2015)), mhijiex ser tikkundanna lill-appellant għal piena ta' priġunerija.

Din il-Qorti tagħmilha ċara li l-appellant qiegħed jingħata l-aħħar opportunita' sabiex jirriforma ruħu u jaqbad it-triq it-tajba.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u qiegħda tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati ta' pussess tad-droga eroina f'ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu u minflok, wara li rat l-artikoli 22(1)(a), l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, issibu ħati ta' pussess sempliċi ta' droga eroina. Tħassarha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal erbatax-il xahar priġunerija effettiva iżda tikkonferma dik il-parti fejn ikkundannatu għal ħlas ta' multa ta' elf u ħamess mitt ewro (€1500) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsa u sebgħin ewro (75), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. Din il-Qorti qiegħda tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha inkluż is-sejbien tal-ħtija tat-tielet imputazzjoni *ai termini* tal-

artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn l-Ewwel Qorti ma trattatx mal-appellant għar-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Qiegħda tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri, ossia l-ispejjeż konnessi mal-inkarigu espletat mill-Ispiżjar Mario Mifsud, ammontanti għas-somma ta' tliet mija, sebgħa u tmenin ewro u tmintax-il ċentezmu (€387.18), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-appellant fi żmien sitt xhur mil-lum u tikkonferma l-kumplament kollu tagħha.

Qiegħda tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn tordna r-rilaxx tas-somma ta' erba' mitt ewro (€400) esebita bħala Dok VA4 favur il-ħati u tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok VA5 taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proċess-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna li kopja ta din is-sentenza tintbaghat lid Direttur tal- Qorti Kriminali bil-ghan li jiehu l-passi mehtiega sabeix jigbor lispejjez inkorsi fil-hatra ta l-espert Dr Mario Mifsud.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur